# Vittmi Siġġiwin li mietu fl-aħħar Gwerra Dinjija 1939-45

**Tagħrif miġbur minn Joseph Schembri**

***(Jaqbad ma' ta' Diċembru 1992)***

**Baldacchino Karmnu**
'Ta' Ratinu' ta' 44 sena. Ir-raġel ta' Marija ta' 20 Triq il-Knisja l-Qadima (Ħu Wistin li semmejna fil-ħarġa li għaddiet).

Nhar it-Tlieta 17 ta' Marzu, 1942 Karmnu rikeb il-karettun u telaq lejn il-għalqa 'tal-Magħluqa', in-naħa tal-Ħofor. Waqt li kien qiegħed jaħrat qrib il-ġiebja, ajruplan tal-għadu, ġej minn naħa 'tal-Magħlaq', waddab tliet bombi u Karmnu ġie f'nofshom. Dawn splodew u Karmnu miet fil-post; il-bagħla mietet tnax-il ġurnata wara. Fejn ġew il-bombi għamlu ħsara kbira. Ftit qabel l-inċident kien mar it-tifel ta' Karmnu, Ġanni, bil-kafè. Karmnu kien qal lit-tifel biex imur l-għalqa 'tas-Sruġ' biex jaqla' l-furrajna. Kieku baqa' hemm Ġanni kien imut ma' missieru.

**Cachia Karmnu**
'Ta' Bezzuna' ta' 53 sena. Ir-raġel ta' Calcedonia ta' 5, Sqaq 1, Triq tan-Nofs.

Nhar il-Ġimgħa 24 t'April, 1942 Karmnu flimkien ma' Karmni, it-tifla tiegħu, rikbu l-ħmara u rħewlha lejn il-Belt Valletta biex ibigħu l-ħaxix. Filgħodu ajruplani tal-għadu attakkaw il-Port il-Kbir, u bombi ġew imwaddba fuq il-Belt. F'dak il-ħin Karmnu kien mar jistkenn taħt il-mina ta' *Hastings* fejn kien sab tlett irġiel u żewġ nisa Ingliżi. Bomba tal-għadu ġiet *direct hit* fuq il-mina, u ma' nstab ħadd minnhom, ħlief sieq Karmnu li martu kienet għarfitha.

**Spiteri Ġużeppi**
'Ta' Smina'. Ta' 36 sena. Ir-raġel ta' Katerina ta' 61, Triq San Nikola.

Nhar is-Sibt 13 ta' Ġunu, 1942 Ġużeppi mar fl-għalqa 'ta' Kilpa' biex jimborġa t-tadam (jew jagħti traba lit-tadam) sab *butterfly anti-personnel bomb* u ġibidha bl-imgħażqa. Din ħadet fil-pront u ħallietu midrub gravi. Huwa miet fi triqtu lejn l-isptar.

**Farrugia Nikola**
'Tal-Gelegus' ta' 43 sena. Ir-raġel ta' Karmena ta' 41 Triq Ramija.

Nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju, 1942 f'xi tmienja ta' filgħaxija Nikola ġie lura lejn id-dar mill-għalqa. Ftit wara l-familja nġabret għall-ikla ta' filgħaxija. Ftit ħin wara huma semgħu ħoss ta' ajruplan tal-għadu riesaq, u ħarġu jiġru 'l barra. Il-missier kien baqa' l-aħħar wieħed biex jagħlaq il-bieb. Bomba ġiet *direct hit* fuq id-dar u din waqgħet, il-missier ġie mtajjar għal mal-ħajt tal-faċċata, u miet dak il-ħin stess.

**Cutajar Wenzu**
'Tal-Qalba' ta' 62 sena. Kien joqgħod 41 Triq il-Ġdida. (Il-lavur tal-koppla tal-knisja kien ħadmu kollu waħdu).

**Muscat Ġużeppa**
'Tat-Tingi' ta' 51 sena. Il-mara ta' Karmnu ta' 39 Triq Santa Margerita.

**Muscat Leli**
Ta' 22 sena, it-tifel ta' Karmnu u Ġużeppa.

**Muscat Salvu**
Ta' 17-il sena, it-tifel ta' Karmnu u Ġużeppa.

**Muscat Maria Concetta**
Ta' 16-il sena, it-tifla ta' Karmnu u Ġużeppa.

**Muscat Rosanna**
Ta' 20 sena, it-tifla ta' Karmnu u Ġużeppa.

**Schembri Ġużeppa**
'Ta' Margerit' jew 'Ta' Lonz'. Ta' 50 sena ta' 40, Triq Santa Margerita.

Nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju, 1942 fis-1.30 ta' bil-lejl ġew imwaddba xi bombi fil-bidu ta' Triq tan-Nofs u Triq Santa Margerita, u fuq id-dar tal-familja Muscat fejn ġrat diżgrazzja lill-familja Muscat fejn twaqqgħet id-dar u mietu l-omm, Ġużeppa, Leli t-tifel, u Maria Concetta t-tifla; il-missier Karmnu kien baqa' mirdum għal jumejn sħaħ u sabuh għadu ħaj, u li wara kien għex ghal żmien twil.
Żewġ bombi milli kienu ntefgħu bil-lejl kienu *time bombs*, waħda akbar mill-oħra. Waħda minnhom ġiet fil-bokka tax-xelter fejn il-kappella ta' Santa Margerita u l-oħra ġiet fejn il-bokka tax-xelter bejn Triq Santa Margerita u Triq tan-Nofs. Dawn b'miraklu ma splodewx, għax kieku splodew kienu jmutu ma' tlett mitt ruħ li kien hemm ġox-xelter. In-nies ħarġu jiġru u telqu lejn darhom. Ma' dawn in-nies kien hemm Ġużeppa Schembri (din fiż-żmien kienet seftura mas-Sur-mast Ġużeppi Agius li kien ħalla b'wirt id-dar tiegħu lis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija) li kienet tieħu ħsieb oħta Barbri (Barbara - ex-għalliema) għax kienet marida fis-sodda.

# TAGħRIF DWAR IS-SIĠĠIEWI

Minn ġox-xelter ħarġuha bis-sodda u ħaduha d-dar quddiem ix-xelter. Fl-10.30 ta' filgħodu splodiet waħda mill-bombi u waqgħet parti mid-dar ta' Ġużeppa Schembri u oħtha Barbri. Ġużeppa nstabet mejta u Barbri baqgħet ħajja fis-sodda.

Cutajar Wenzu kien qiegħed ineħħi d-*debris* u f'ħin minnhom sab bomba, u din f'ħakka t'għajn splodiet u qatlet lil Wenzu u wieħed mill-aħwa ta' Muscat, it-tifel Salvu, u ndarbu Borg Nikolina, fejn mietet erbat'ijiem wara, u Cachia Rita li mietet ġimgħa wara.

**Borg Nikolina**
'Ta' Palales' ta' 62 sena, il-mara ta' Karmnu ta' 124, Triq il-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju, 1942 Nikolina kienet ħarġet biex tixtri, u għaddiet minn Triq Santa Margerita. Hija għaddiet mill-post fejn Wenzu Cutajar kien qed ineħħi d-*debris*. Bl-istess bomba Nikolina indarbet serjament u mietet erbat ijiem wara fl-isptar Ta' Bugeja, il-Ħamrun, nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju, 1942.

**Cachia Rita**
'Ta' Bezzuna' ta' 13-il sena. It-tifla ta' Calcedonia ta' 5 Sqaq Nru. 1, Triq tan-Nofs.

Dak in-nhar li miet Wenzu fl-istess ħin, Rita kienet mibgħuta biex iġġib mgħażqa, biex inaddfu t-terrapien. X'ħin splodiet il-bomba Rita ġiet feruta gravament. Ittieħdet l-isptar Ta' Bugeja fejn mietet ġimgħa wara, nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju, 1942.

**Camilleri Philip**
'Taċ-Ċafott' ta' 28 sena, it-tifel ta' Salvu ta' 64 Triq tan-Nofs.

Nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru, 1942 bil-lejl Philip ma marx fix-xelter u baqa' rieqed meta ġiet bomba fuq id-dar, intradam u tilef ħajtu.

**Borg Ċikku**
'Tan-Nassa' ta' 5 snin, it-tifel ta' Nikola ta' 54 Triq Ramija.

**Borg Emanuel**
'Tan-Nassa'. Ta' 11-il sena, it-tifel ta' Nikola ta' 54 Triq Ramija.

**Cutajar Karmnu**
'Ta' Qarweż' ta' 9 snin. It-tifel ta' Karmnu ta' 15 Triq il-Kbira.

**Saliba Salvu**
'Tat-Tiber' ta' 9 snin. It-tifel ta' Leli u Carmela ta' 12 Triq il-Kbira.

Nhar l-Erbgħa festa ta' San Pawl Nawfragu, 10 ta' Frar, 1943 wara l-quddiesa tat-tfal tas-sitta ta' filgħodu, li kienet issir fl-Oratorju, dawn l-erbat itfal telqu lejn djarhom, u x'ħin waslu fejn l-*Ecce Homo*, Ċikku Borg sab bomba żgħira (*anti-personnel bomb*) u telaq jiġri fejn ħuħ Leli, u tahielu f'idu. Waqt li kienu qegħdin jilagħbu biha l-bomba splodiet u qatlet lil Ċikku, Leli, Karmnu u Salvu. Qrib dawn it-tfal kien hemm in-nies, fosthom Indri Xerri li safa korrut sewwa u ġie meħud l-isptar Bugeja, il-Ħamrun. Għalkemm Indri Xerri kien safa' ferut f'dan l-inċident ta' l-10 ta' Frar, 1943 ħdejn l-*Ecce Homo*, hu ma mietx b'hekk. Miet tliet snin wara fit-8 t'Awissu, 1946.

**Vassallo Wenzu**
'Ta' Santu' ta' 9 snin. It-tifel ta' Leli ta' 11, Triq San Ġwann, Sqaq San Ġwann.

Nhar il-Ħadd 9 ta' Mejju, 1943 Wenzu flimkien mal-ġenituri tiegħu telqu lejn Għar Lapsi. X'ħin waslu fejn id-Dar tal-Providenza, Wenzu sab bħal *thermos* fl-art, ġabru u żammu f'idu. X'ħin waslu fejn l-għar ta' Għar Lapsi, Wenzu pprova jiftħu, meta f'daqqa waħda sploda u ħallieh mejjet.

**TIFKIRA TAL-MEJTIN TAL-GWERRA**
**Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali bi ħsiebu jagħmel mafkar lil dawk li tilfu ħajjithom fil-gwerra fis-Siġġiewi ma' ġenb l-Oratorju, li kien l-ewwel bini li ġġarraf waqt l-attakki mill-ajru.**

**Tmiem**




AUSTIN MUSCAT MARBLE WORKS

Monuments | Fireplaces
Skirting | Pavements
Staircases | etc.

*Phone 449909* *Qormi*